

32003R1679

25.9.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 238/17

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1679/2003
tal-24 ta' Settembru 2003**

li jistabbilixxi l-produzzjoni stimata tal-qoton mhux fisduq għas-sena tas-suq 2003/2004 year u t-tnaqqis provviżorju li jirriżulta tal-prezz gwidat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Protokoll 4 dwar il-qoton, kif l-aħħar emendat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2001 ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 dwar għajnuna fil-produzzjoni tal-qoton ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Billi:

- (1) l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1591/2001 tat-2 ta' Awissu 2001 ifassal regoli ddettaljati għall-iskema ta' l-għajnuna fil-qoton ⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1486/2002 ⁽⁴⁾, li jniżżel li l-produzzjoni stimata tal-qoton mhux fisduq riferut fl-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 1051/2001 u n-nuqqas provviżorju fil-prezz gwidat għandu jiġi stabbilit qabel l-10 ta' Settembru tas-sena kummerċjali kkonċernata.
- (2) l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1051/2001 iniżżel li jrid jittieħed ħsieb tat-tbassir tal-uċuħ tar-raba meta jistabbilixxu l-produzzjoni stimata.

- (3) In-nuqqas provviżorju fil-prezz gwidat hu kkalkulat bi qbil ma' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolamentn (KE) Nru 1051/2001, ibiddel, madankollu, l-produzzjoni attwali mal-produzzjoni stimata miżjuda bi 15 %.

- (4) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Fibri Naturali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għas-sena ta' kummerċ 2003/2004, il-produzzjoni stmata tal-qoton mhux fisduq hu hawnhekk ffissat hekk:

- 1 065 668 tunnellata għall-Greċja,
- 334 247 tunnellata għall-Spanja,
- 1 108 tunnellata għall-Portugall.

2. Għas-sena ta' kummerċ 2003/2004, in-nuqqas provviżorju fil-prezz gwida hu hawnhekk iffissat hekk:

- EUR 37,418/100 kg għall-Greċja,
- EUR 34,654/100 kg għall-Spanja,
- EUR 0/100 kg għall-Portugall.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Settembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 148, ta' l-1.6.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 148, ta' l-1.6.2001, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 210, tat-3.8.2001, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 223, ta' l-20.8.2002, p. 3.